**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Guramentat Nru. 161/08VG**

**Angelo Aquilina**

**Vs**

**Eurofreight Services Limited**

**Illum 20 ta' Frar 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat ipprezentat minn Angelo Aquilina fil-25 ta' Marzu 2008 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti: (i) tiddikjara illi l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07MM, deciza fl-4 ta' Frar 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), ma gewx notifikati lilu *qua* parti telliefa f'dik il-kawza; (ii) tirrevoka u thassar is-sentenza fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07MM deciza fl-4 ta' Frar 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta); u (iii) tordna li l-kawza fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07MM, deciza fl-4 ta' Frar 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tigi ritrattata fl-intier taghha u fir-rigward tal-kapijiet kollha ta' l-istess sentenza, u dan ai termini ta' l-Artikolu 811(b) u l-Artikolu 812 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra s-socjetà Eurofreight Services Limited;

Rat id-Dikjarazzjoni Guramentata ta' Angelo Aquilina annessa mar-Rikors promotur;

Rat kopja informali tas-sentenza fl-ismijiet "Eurofreight Services Ltd. v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07 deciza fl-4 ta' Frar 2008, annessa mar-Rikors promotur markata Dok. "A" a fol. 5 u 6 tal-process;

Rat ir-Risposta Guramentata tas-socjetà Eurofreight Services Limited permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tar-ritrattand u titlob li l-istess jigu michuda, bl-

ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) ir-Rikors ghar-ritrattazzjoni huwa null in kwantu ma sarx id-depozitu hekk kif rikjest mill-Ligi flimkien mar-Rikors fejn intalbet ir-ritrattazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 815 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fil-mertu ma' hemm l-ebda lok ghar-ritrattazzjoni u dana billi n-notifika tal-konvenut-ritrattand saret b'mod regolari u skond il-Ligi; u (iii) per konsegwenza ma' hemm l-ebda raguni ghalfejn is-sentenza ghandha tithassar u fit-tieni lok ma hemm l-ebda lok ghas-smigh mill-gdid tal-kawza;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07 deciza b'sentenza pronuncjata fl-4 ta' Frar 2008, annessi ma' l-atti ta' dawn il-proceduri;

Semghet ix-xhieda tal-Marixxall Raymond Pace moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2008[1], ix-xhieda tar-ritrattand moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2009[2] u x-xhieda ta' Maria Aquilina[3], Duminku Cauchi[4], Brian Azzopardi[5], Emanuel Mifsud[6], Joseph Mifsud[7] u David Muscat[8] ilkoll moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2009 u rat id-dokument esebit minn David Muscat a fol. 39 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Monica Micallef[9] u ta' Justin Aquilina[10] moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010 u x-xhieda ta' Emma Vella moghtija waqt is-seduti tal-11 ta' Ottubru 2010[11] u tat-18 ta' Novembru 2010[12] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "EV1" a fol. 80 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Noel Chircop moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Mejju 2012[13], tat-12 ta' Lulju 2012[14] u tal-15 ta' April 2013[15] u rat id-dokumenti markati Dok. "GV1", Dok. "NC1"u Dok. "NC2" a fol. 103 sa' 120 tal-process, u semghet ix-xhieda ta' Karen Calleja moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' April 2013[16] u rat id-dokumenti markati Dok. "GV1" sa' Dok "GV4" esebiti minnha a fol. 139 sa' 143 tal-process;

Rat id-dokumenti, ossia estratt mill-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u s-sentenzi fl-ismijiet "Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri" Appell Civili Nru. 372/99 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2003 u "Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri" Appell Civili Nru. 372/99 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta' Gunju 2003, esebiti mir-ritrattand permezz ta' Nota pprezentata fis-16 ta' Frar 2010 a fol 45 sa' 61 tal-process u rat id-dokument,

[1] Fol. 20 tal-process.
[2] Fol. 25 sa' 27 tal-process.
[3] Fol. 28 u 29 tal-process.
[4] Fol. 30 tal-process.
[5] Fol. 31 u 32 tal-process.
[6] Fol. 33 u 34 tal-process.
[7] Fol. 35 u 36 tal-process.
[8] Fol. 37 u 38 tal-process.
[9] Fol. 74 u 75 tal-process.
[10] Fol. 76 tal-process.
[11] Fol. 77 u 78 tal-process.
[12] Fol. 81 u 82 tal-process.
[13] Fol. 94 sa' 99 tal-process.
[14] Fol. 121 sa' 125 tal-process.
[15] Fol. 144 u 145 tal-process.
[16] Fol. 146 sa' 148 tal-process.

ossia ittra tal-Maltapost p.l.c. indirizzata lir-ritrattand datata 15 ta' Gunju 2009, esebita mir-ritrattand permezz ta' Nota pprezentata fil-11 ta' Ottubru 2010 a fol. 72 u 73 tal-process;

Rat is-sentenza preliminari moghti fl-4 ta' Gunju 2010[17] in forza ta' liema giet michuda l-eccezzjoni tan-nullità tar-Rikors promotur sollevata mis-socjetà ritrattata;

Rat id-Digriet moghti fit-8 ta' Ottubru 2012[18] in forza ta' liema giet michuda t-talba avvanzata mir-ritrattand waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2012 ghall-isfilz tar-Risposta tas-socjetà ritrattata u rat id-Digriet moghti fid-9 ta' Ottubru 2012[19] in forza ta' liema giet michuda t-talba tar-ritrattant sabiex jinghata l-awtorizzazzjoni jappella mid-Digriet tat-8 ta' Ottubru 2012;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidra:**

In forza ta' sentenza fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07 pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Frar 2008, Angelo Aquilina gie ikkundannat ihallas lis-socjetà Eurofreight Services Limited is-somma ta' Lm3,281.85, illum ekwivalenti ghal €7,644.65, bl-imghax legali skond il-Ligi u bl-ispejjez. Angelo Aquilina jikkontendi li huwa sar jaf b'din is-sentenza f'xi zmien wara l-11 ta' Marzu 2008 u senjatament meta gie infurmat mill-Bank tieghu li kien inhareg Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kontra tieghu in esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza. Jikkontendi wkoll li huwa qatt ma gie notifikat bl-att promotur tal-kawza fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aqulina" Avviz Nru. 181/07 kif trid il-Ligi u tali atti qatt ma waslu la ghandu u lanqas ghand xi membru tal-familja tieghu.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti u fid-dawl tal-fatt li huwa sar jaf bis-sentenza imsemmija wara li skada t-terminu utili biex jigi intavolat appell minnha, bil-proceduri odjerni Angelo Aquilina (iktar 'l quddiem imsejjah ir-ritrattand) jitlob li l-Qorti: (i) tiddikjara illi l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07MM, deciza fl-4 ta' Frar 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), ma gewx notifikati lilu *qua* parti telliefa f'dik il-kawza; (ii) tirrevoka u thassar is-sentenza fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07MM deciza fl-4 ta' Frar 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta); u (iii) tordna li l-kawza fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07MM, deciza fl-4 ta' Frar 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tigi

[17] Fol. 63 sa' 66 tal-process.
[18] Fol. 130 sa' 133 tal-process.
[19] Fol. 135 tal-process.

ritrattata fl-intier taghha u fir-rigward tal-kapijiet kollha ta' l-istess sentenza, u dan ai termini ta' l-Artikolu 811(b) u l-Artikolu 812 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjetà ritrattata topponi ghat-talbiet tar-ritrattand u titlob li l-istess jigu michuda stante li: (i) ir-Rikors ghar-ritrattazzjoni huwa null in kwantu ma sarx id-depozitu hekk kif rikjest mill-Ligi flimkien mar-Rikors fejn intalbet ir-ritrattazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 815 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fil-mertu ma' hemm l-ebda lok ghar-ritrattazzjoni u dana billi n-notifika tal-konvenut-ritrattand saret b'mod regolari u skond il-Ligi; u (iii) per konsegwenza ma' hemm l-ebda raguni ghalfejn is-sentenza ghandha tithassar u fit-tieni lok ma hemm l-ebda lok ghas-smigh mill-gdid tal-kawza.

B'sentenza preliminari pronuncjata fl-4 ta' Gunju 2010[20] l-eccezzjoni tan-nullità tar-Rikors promotur sollevata mis-socjetà ritrattata giet michuda. Fid-dawl ta' dan ghalhekk jifdal issa jigi determinat il-mertu proprio ta' l-azzjoni proposta mir-ritrattand, u cioè jekk fil-kaz in ezami hemmx lok li tigi revokata u mhassra is-sentenza fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07 deciza fl-4 ta' Frar 2008 u konsegwentement jigi ordnat is-smigh mill-gdid tal-proceduri fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07 u dana peress illi r-ritrattand ma giex notifikat b'mod validu ai termini tal-Ligi bir-Rikors fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" bin-Numru 181/07 u sar jaf bis-sentenza in kwistjoni, tramite l-Bank tieghu li nfurmah li kien inhareg Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kontra tieghu in esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza, wara li skada it-terminu utili biex jintavola appell mill-istess sentenza.

Mill-atti tal-kawza fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07 jirrizulta li r-ritrattand, konvenut f'dawk il-proceduri, kien gie notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviz ta' l-appuntament tramite l-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni. Jirrizulta li l-affissjoni fil-Kunsill Lokali Gzira, fl-Ghassa tal-Pulizija Gzira u mal-bieb tal-fond Harrow Court, Flat 2, Triq Turu Rizzo, Gzira, proprjament mal-bieb tal-blokka in kwistjoni[21], fid-19 ta' Novembru 2007 u l-pubblikazzjoni fil-Gazetta tal-Gvern u f'gazetta lokali ta' kuljum saru fis-27 ta' Novembru 2007 u fit-18 ta' Dicembru 2007 rispettivament. Ghalkemm mill-lat procedurali jirrizulta li n-notifika saret ai termini tal-Ligi, ossia ai termini ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi saret kemm l-affissjoni kif ukoll il-pubblikazzjoni fil-Gazetta tal-Gvern u f'gazetta lokali ta' kuljum, ir-ritrattand jishaq li dik in-notifika ma tiswiex ai termini tal-Ligi ghar-raguni li fiz-zmien meta saret hu u l-familja tieghu ma kienux ghandhom jirrisjedu fil-fond Flat 2, Harrow Court, Triq Turu Rizzo, Gzira, izda kienu jirrisjedu fil-fond Nru.61, Shalom, Triq Nazju Ellul, Gzira.

[20] Fol. 63 sa' 66 tal-process.
[21] Vide xhieda tal-Marixxall Raymond Pace moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2008, fol. 20 tal-process.

In sostenn ta' dak minnu affermat ir-ritrattand, oltre li xehed huwa stess, ressaq diversi xhieda fosthom membri tal-familja tieghu u persuni li ghenuh jgorr minn fond ghall-iehor. Minn ezami ta' tali xhieda però il-Qorti ma hijiex affattu konvinta mill-fondatezza u veracità ta' dak allegat mir-ritrattand in kwantu l-istess xhieda huma kontradittorju ghal xulxin u kontradetti minn xhieda ohra imressqa mill-istess ritrattand.

Ir-ritrattand[22] u martu[23] entrambe xehedu li garru mill-fond Flat 2, Harrow Court, Triq Turu Rizzo, Gzira, ghall-fond Nru.61, Shalom, Triq Nazju Ellul, Gzira, fi Frar 2007, ossia qabel ma saret in-notifika bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni da parte tas-socjetà ritrattata. Madanakollu però binhom Justin Aquilina[24], prodott bhala xhud mir-ritrattand, xehed, kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami, illi hu u l-familja tieghu garru ghall-fond Nru.61, Shalom, Triq Nazju Ellul, Gzira, f'Jannar ta' l-2008. Dak affermat minn Justin Aquilina gie ribadit minn zitu Monica Micallef[25], li tigi oht ir-ritrattand u minnu prodotta bhala xhud, li xehdet, kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami, illi huha u l-familja tieghu garru minn fond ghall-iehor ghall-habta ta' Jannar jew Frar ta' l-2008. Minn dan johrog car li l-membri ta' l-istess familja u b'mod partikolari l-konjugi Aquilina u binhom ma jaqblux bejniethom, u dana mhux b'kwistjoni ta' ftit granet biss, dwar id-data meta ttraskolaw mill-fond fi Triq Turu Rizzo, Gzira ghall-fond fi Triq Nazju Ellul, Gzira.

L-irgiel li suppost ghenu lir-ritrattand u l-familja tieghu jgorru mill-fond Flat 2, Harrow Court, Triq Turu Rizzo, Gzira, ghall-fond Nru.61, Shalom, Triq Nazju Ellul, Gzira, ukoll ma qablux bejniethom dwar meta sehh tali garr. Filwaqt li Brian Azzopardi[26] u Emaneul Mifsud[27], li entrambe xehedu waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2009, iddikjaraw li r-ritrattand u l-familja tieghu garrew minn fond ghall-iehor fi Frar ta' l-2007, Duminku Cachia[28] u Joseph Mifsud[29], li wkoll xehedu waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2009, entrambe ma kienux certi u cari f'mohhom dwar iz-zmien meta effettivament ir-ritrattand u l-familja tieghu garrew minn fond ghall-iehor. In effetti Duminku Cachia jghid li dana gara *fi Frar ta' xi sena jew sena u nofs ilu* – ossia mhux cert jekk kienx l-2007 jew l-2008 – u Joseph Mifsud jghid li r-ritrattand garr *fi Frar ta' xi sena jew sentejn ilu* – hawn ukoll mhux cert jekk kienx fl-2007 jew fl-2008.

Apparte l-kontradizzjonijiet li jezistu bejn id-dikjarazzjonijiet moghtija mix-xhieda imressaq mir-ritrattand stess, kemm ir-ritrattand kif ukoll martu Maria Aquilina ma humiex affattu kredibbli f'dak minnhom dikjarat ghar-raguni li

[22] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2009, fol. 25 sa' 27 tal-process.
[23] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2009, fol. 28 u 29 tal-process.
[24] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2009, fol. 76 tal-process.
[25] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2009, fol. 74 u 75 tal-process.
[26] Fol. 31 u 32 tal-process.
[27] Fol. 33 tal-process.
[28] Fol. 30 tal-process.
[29] Fol. 35 u 36 tal-process.

jew ikkontradew lilhom infushom fix-xhieda taghhom stess, u dana b'mod partikolari ghal Maria Aquilina, jew dak minnhom allegat gie kontradett minn xhieda ohra prodotti mir-ritrattand stess.

Irrizulta li fl-2007 ir-ritrattand u martu Maria Aquilina kienu ghadhom entrambe registrati fuq il-fond Flat 2, Harrow Court, Triq Turu Rizzo, Gzira, u kien biss fl-2009, fil-mori ta' dawn il-proceduri, li dawru r-registrazzjoni taghhom ghal fuq il-fond Nru.61, Shalom, Triq Nazju Ellul, Gzira. Ghalkemm ir-ritrattand ipprova jiggustifika dan il-fatt bl-allegazzjoni li *meta biddilt ir-residenza jiena ppruvajt ukoll inbiddel l-id card biex naghmlu fuq l-indirizz il-gdid, izda hemmhekk qaluli illi dan ma stajtx naghmlu qabel ma tghaddi l-elezzjoni. Sussegwentement biddiltha w issa qieghda turi l-indirizz il-gdid fi Triq Nazju Ellul, il-Gzira*[30], martu, stranament ma semmiet xejn dwar din l-allegata problema izda ddikjarat li ma biddiltx l-indirizz fuq il-Karta ta' l-Identità taghha semplicement ghaliex ma sabitx il-hin. Apparte minnhekk dak allegat mir-ritrattand fir-rigward l-allegat impediment li jibdel l-indirizz fuq il-Karta ta' l-Identità tieghu minhabba l-elezzjoni, gie kompletament kontradett u imxejjen minn David Muscat, rapprezentant tal-Kummissarju Elettorali, li waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2009[31] bla ebda ezitazzjoni ta' xejn iddikjara li *mistoqsi jekk kienx hemm xi zmien fejn il-hrug ta' l-identity cards kien sospiz, nghid illi l-unika haga li kienet sospiza hija t-tigdid ta' l-identity card minghajr bdil tad-dettalji. Ghal dak li huwa bdil tad-dettalji indirizz, persuna jew inkella identity card provizorju ghall-fini ta' safar, dawn baqghu jsiru regolarment. Ir-registru elettorali jinbidel darbtejn fis-sena, fl-1 ta' April u fl-1 ta' Ottubru. Il-procedura tat-tibdil ta' indirizzi u dettalji baqa' ghaddej b'mod regolari, indipendentement minn xi elezzjonijiet jew le. Il-bdil ta' l-indirizz minn Harrow Court ghall-indirizz il-gdid f'Nazju Ellul Street sar fil-21 ta' April 2009. F'Gunju 2007 kien ghadu registrat fil-fond l-antik Harrow Court, Turu Rizzo Street, Gzira. Kien ilu registrat hekk mit-30$^{th}$ October 2002.*

Bl-istess mod l-allegazzjoni tar-ritrattand li ghalkemm ma kienx applika ghal *re-direction of mail* huwa kien avza lill-pustier biex kwalunkwe posta li jircievi indirizzata fil-fond Flat 2, Harrow Court, Triq Turu Rizzo, Gzira, tigi minflok konsenjata fil-fond 61, Shalom, Triq Nazju Ellul Gzira, u li bhala fatt peress li ma hemmx hafna boghod bejn iz-zewg fondi l-pustier kien jghaddilu tali posta, giet kontradetta l-ewwel minn martu li ddikjarat *mistoqsija jekk il-pustier gieli giebx xi posta li tkun indirizzata f'Harrow Court fil-post il-gdid, nghid illi le*[32], u imbaghad minn Emma Vella, in rapprezentanza tal-Maltapost p.l.c, li iddikjarat li mill-envelope relattiv ghan-notifika bil-posta registrata tar-Rikors fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07, jirrizulta li l-pustier ghamel ben hames tentattivi konsekuttivi biex

---

[30] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2009, fol. 25 sa' 27 tal-process.
[31] Fol. 37 u 38 tal-process.
[32] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2009, fol. 28 u 29 tal-process.

jinnotifika l-istess lil Angelo Aquilina fil-fond Flat 2, Harrow Court, Triq Turu Rizzo, Gzira, qabel ma irritornah lura bhala *unclaimed*[33].

Maria Aquilina wkoll ikkontradixxiet ruhha fix-xhieda li tat hi stess u giet kontradetta f'dak minnha allegat minn xhud iehor prodott mir-ritrattand. Fix-xhieda li tat waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2009, Maria Aquilina ddikjarat li wara li garrew mill-fond Flat 2, Harrow Court, Triq Turu Rizzo, Gzira, ghall-fond 61, Shalom, Triq Nazju Ellul, Gzira, hija rari regghet marret f'dak il-fond, izda ftit qabel din id-dikjarazzjonijiet hija kienet ghadha kemm ddikjarat li *jiena bqajt nircievi l-ittri u posta fil-fond Harrow Court u ddejjaqt gejja u serja u kien ghalhekk li ddecidejt li naghmel ir-redirection*[34]. In kwantu rigwarda din l-allegata *re-direction of mail*, mix-xhieda ta' Emma Vella, in rapprezentanza tal-Maltapost p.l.c, kemm waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010[35] kif ukoll waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2010[36], jirrizulta li da parte tal-konjugi Aquilina jew imqar xi wiehed minnhom ma kienet saret l-ebda talba ghal *re-direction of mail* mill-fond Flat 2, Harrow Court, Triq Turu Rizzo, Gzira ghall-fond 61, Shalom, Triq Nazju Falzon, Gzira.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghall-principju guridiku enuncjat f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali bhal ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Cassar v. Lawrence Attard noe et, Citaz. Nru. 392/01,** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003 u kkonfermata fl-appell b'sentenza pronucnjata fit-3 ta' Novembru 2006, fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Civili osservat illi *r-rimedju tar-ritratazzjoni huwa wiehed straordinarju li jolqot sentenza li tkun saret gudikat. Huwa essenzjali f'kull sistema ta' dritt li sentenza ghandha tkun l-ahhar kelma dwar l-istat ta' dritt bejn partijiet fi kwistjoni, u s-sahha taghha titqies bhala s-sewwa maghruf (pro veritate habetur). Kif inghad, l-effikacja guridika u socjali tal-gudikat titlob li l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma tigix imfixkla billi, fi kwalunkwe stadju u minghajr limiti, l-parti telliefa terga' tqajjem il-kwistjoni u tiftaha. Huwa ghalhekk li l-legislatur ried li jaghti espressament, b'mod tassattiv u f'dawn it-termini biss ir-rimedju tar-ritrattazzjoni li bih biss sentenza tista' tigi attakkata u mwaqqa' wara li tkun saret gudikat. B'dan il-mod, jekk ghal kaz partikolari ma japplikawx ir-rimedji eccezzjonali ta' l-istitut tar-ritrattazzjoni, m'hemm l-ebda mod kif titwaqqa' sentenza li ghaddiet in gudikat. Minbarra dan, ilu zmien twil stabilit il-principju li bis-sahha tar-rabta ta' sentenza li ghaddiet f'gudikat ma titwaqqax lanqas bir-rimedju tar-ritrattazzjoni fejn ma jintweriex li l-parti kienet imcahhda milli tiddefendi lilha nnfisha, ghall-kuntrarju ta' fejn naqset li tiddefendi lilha nnifisha jew ma haditx dawk il-passi biex tizgura difiza xierqa. ... Illi, b'zieda ma' dan kollu li issemma dwar in-natura eccezzjonali tal-procedura tar-ritrattazzjoni, irid jinghad ukoll li* ***l-prova tar-raguni li ghaliha parti titlob li kawza tigi mismugha mill-gdid trid issir minn dik l-istess***

[33] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2010, fol. 81 u 82 tal-process.
[34] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2009, fol. 28 u 29 tal-process.
[35] Fol. 77 u 78 tal-process.
[36] Fol. 81 u 82 tal-process.

***parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija misthoqqa. Il-parti ritrarttata m'ghandha ghalfejn tipprova xejn, specjalment meta r-raguni li ssejjes it-talba ghas-smigh mill-gdid ma titnissilx minn ghamil tal-parti ritrattata***[37].

Wara li rat u kkunsidrat il-provi kollha prodotti f'din il-kawza, il-Qorti tqis li fil-kaz in ezami s-socjetà ritrattata ma ghamlet xejn hazin fil-mod kif ghaddiet biex tinnotifika lir-ritrattand bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni meta t-tentattivi l-ohra ghan-notifika rrizultaw fin-negattiv u dana partikolarment meta ppruvat tinnotifika lir-ritrattand fl-indirizz li kellha fir-*records* taghha ghall-finijiet ta' korrispondenza mieghu w addirittura fl-indirizz li ufficjalment kien jidher li kien l-indirizz residenzjali tieghu kemm fiz-zmien tan-notifika kif ukoll wara. Tqis ukoll li r-ritrattand, bhala l-parti fuq min jinkombi l-oneru tal-prova li r-Rikors fl-ismijiet "Eurofreight Services Limited v. Angelo Aquilina" Avviz Nru. 181/07 ma giex notifikat lilu b'mod validu ai termini tal-Ligi, ma irnexxilux, u dana minhabba provi konfliggenti u kontradetti, jipprova b'mod sodisfacenti li n-notifika esegwita bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ma kenitx valida ai termini tal-Ligi u konsegwentement li t-talbiet tieghu huma misthoqqa.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li t-talbiet tar-ritrattand ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' t-tieni u tielet eccezzjonijiet tas-socjetà ritrattata, tichad it-talbiet tar-ritrattand.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopporati interament mir-ritrattand.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

---

[37] Enfasi tal-Qorti.